MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Numru 222/2002/1

**Avukat Andrew Chetcuti Ganado u Raphael Aloisio bhala likwidaturi tas-socejta` SCICINVEST LIMITED u b' digriet tal-31 ta' Mejju, 2002 giet mizjuda l-kelma HOLDINGS bejn il-kelma Scicinvest u Limited**

**vs**

**Catherine Spiteri, Louis Galea u Judith Galea**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Frar, 2007, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih l-atturi nomine talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li "in solidum" jew min minnhom ihallsu lura lill-atturi nomine l-ammont ta' Lm5000

li huma d-depositu fdat lilhom in konnessjoni ma' konvenju tal-fond 74 (gia 31) Manwel Dimech Street, kantuniera ma' Triq San Gwann Battista, Sliema, liema konvenju gie iffirmat fit-30 ta' Jannar, 1998 u li skada, minghajr ma sar il-bejgh tal-fond, fit-30 ta' Novembru, 2001 u dan bl-interessi legali min-notifika ta' dan l-att.

Bl-ispejjez u l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 9 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok l-atturi jridu jippruvaw il-hatra taghhom;
2. In linea preliminari ma jirrizultax illi l-konvenju skada fit-30 ta' Novembru 2001;
3. Illi fit-tieni lok it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante ftehim li sar bejn il-konvenuti u s-socjeta Scicinvest datata 30 ta' Gunju 2000 fejn id-depositu imsemmi ntilef favur l-konvenuti stante li s-socjeta Scicinvest ma resqitx ghall-kuntratt finali sat-30 ta' Novembru 2001;
4. Illi in vista tas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjta' attrici;
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha a fol 11 tal-atti u moghti fil-31 ta' Mejju 2002.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-verbal tas-seduta tad-19 ta' Novembru 2002 (fol 15 ibid) il-konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni sottomessa fl-imsemmija nota tal-eccezzjonijiet.

Illi l-attur nomine, l-Avukat Andrew Chetcuti Ganado (fol 16 u fol 23 ibid) xehed, fil-bidu illi hu, bhala stralcarju tas-socjeta msemmija, “ma tantx jiena edott” mill-fatti in esami waqt li semma’ li kienu ghaddejjin trattativi mal-kredituri tal-istess socjeta. Sussegwentement hu kompla jixhed billi qal illi, meta hu kien gie appuntat stralcarju tal-istess socjeta flimkien ma Raphael Aloisio u dan matul Novembru 2000 (ara ukoll fol 34 u fol 35 ibid) kien sar jaf, mid-dokumenti elevati, illi kien hemm kawza pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili u fl-ismijiet inversi ghal din, liema kawza kienet giet decisa skond kif risultanti mill-kopja esebit in atti a fol 18.

Illi, hawnhekk, jkun opportun illi jinghad b’referenza ghall-istess sentenza decisa in rigward l-ispejjes biss fid-29 ta’ April 2002 illi din kienet tirreferi ghal konvenju ta’ bejgh/xiri li permezz tieghu s-socjeta “Scicinvest Holdings Ltd” kienet obbligat ruhha li tixtri minghand il-konvenuti odjerni l-post imsemmi fl-avviz u dan bil-prezz ta’ Lm40,000 “… illi minhom thallset is-somma ta’ Lm5000 lill-istess atturi (l-konvenuti odjerni) bil-bilanc pagabbli lill-istess atturi (l-konvenuti presenti) fil-gurnata tal-att finali”. Dan il-konvenju “kif imgedded” kellu validita’ sat-30 ta’ Lulju 1999. Wara li saret din ic-citazzjoni, pero’, jidher li l-konvenuti odjerni kienu cedew il-meritu ta’ din ic-citazzjoni liema meritu kien jinvolvi, principalment, il-publikazzjoni tal-att publiku finali ta’ bejgh/xiri. Inoltre jidher ukoll illi kienet saret offerta lill-konvenuti odjerni illi dawn “….. jzomm nofs id-depositu u cioe Lm2500 ….”.

Illi fl-istess xhieda, saret referenza ghall-skrittura li, f’dan l-istadju ghadha ma kienetx esebita in atti u li kienet datata t-30 ta’ Gunju 2000. L-istess xhud, wara li raha, sostna illi hu “qatt ma rajtha” u ma kienitx fost id-dokumenti tas-socjeta in kwistjoni migbura minnu.

Ikkunsidrat

Illi din l-iskrittura giet esebita, in vera fotokopja, minn Catherine Spiteri, il-konvenuta (fol 26 et seq ibid). Mill-istess dokument (a fol 28 ibid) jidher illi kien sar fethim fit-30 ta' Gunju 2000 bejn il-partijiet involuti fis-sens illi l-imsemmi konvenju kien qed jigi estiz sat-30 ta'Novembru 2000. Inoltre gie miftiehem ukoll illi f'kaz li s-socjeta "Scicinvest Holdings Ltd" tonqos li tersaq milli tersaq ghall-kuntratt finali, "…. Hija "ipso jure" titlef id-depositu ta' Lm5000 u ma tibqax tivvanta l-ebda pretenzjoni (sic!) kwankwe fil-konfront tal-vendituri". Fl-ahharnett hemm referenza ghall-kawza hawn fuq imsemmija bejn l-istess partijiet, fl-ismijiet inversi u jinghad illi l-istess skrittura qed isir minghajr pregudizzju ghall-sitess citazzjoni, li kienet ghadha pendenti. Dwar il-firem fin-naha ta' isfel tal-sitess ftehim, Catherine Spiteri semmiet illi dik indikata bhala " C Spiteri" kienet il-firma taghha waqt li l-ohra kienet ta' "Tony Mamo" deskritt mill-Avukat Dottor Andrew Chetcuti Ganado bhala "l-ex assistant chief execturive officer" ossija "impjegat normali" tas-socjeta "Scicinvest Holdings Limited" (fol 24 ibid). Presenti ukoll kien hemm l-Avukat tal-istess sojceta, Dottor Kris Borg. L-istess Catherine Spiteri spjegat li hi kienet iffirmat, ukoll, f'isem Louis Galea, huha u Judith Galea, ommha debitament awtorizzata minnhom. Inoltre hi semmiet illi "meta giet iffirmata …. Jiena kont naf li l-kumpanija … Scicinvest kienet qed tfalli u li "… il-konvenju kien di gja waqa" (ara ukoll ix-xhieda ta' Louis Galea (a fol 29 et seq ibid).

Illi l-imsemmi Avukat Dottor Kris Borg (fol 40 et seq ibid) esebixxa l-konvenju imsemmi, li kien gie iffirmat fl-20 (jew fit-30) ta' Jannar 1998 (fol 46 ibid) liema konvenju kien gie mgedded ghal diversi drabi". Wara li ghamel referenza ghall-kawza l-ohra hawn fuq imsemmija, u semma illi kienet saret l-iskrittura datata t-30 ta'Gunju 2000 ("xi

speci ta' skrittura"), miktuba minnu u dan bit-tama li s-socjeta "Scicinvest Holdings Ltd" kien jkollha mezzi finanzjarji sufficjenti sabiex tkun tista' takkwista l-propjeta, soggetta ghall-imsemmi konvenju. Dwar "Tony Mamo' gja msemmi, hu specifika illi dan kien "… l-assistrnt tac-chairman tal-Group of Companies kollha" u "Ma nofs li kellu awtorita jiffirma skrittura bhal din" waqt li wara qal in kontro ezami "Probabilmrnt Tony Mamo kellu l-'authorisation' sabiex jiffirma din l-iskrittura …". Inoltre hu irrifera ghas-"……sitwazzjoni meta saret din l-"extention" bhala "… wahda bhal tat-Titanic ser jeghreq".

Ikkunsidrat

Illi, wara li gie kjarifikat dak li din il-Qorti trid tanalizza mill-lat tal-provi prodotti, l-istess Qorti tixtieq tirrileva s-segwenti:-

a) A basi tal-konvenju originali ffirmat fl-20 (jew fit-30) ta' Jannar 1998, jidher li l-Lm5000 in kwistjoni kienu thallsu lill-konvenuti bhala parti mill-prezz tal-istess immobbli. Konsegwentement, f'kaz li ma kienetx issehh l-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgh u xiri, il-konvenuti odjerni kienu obbligati li jirrifondu din is-somma lura lis-socjeta involuta. Difatti jidher mill-istess konvenju fil-paragrafu wiehed (1) li din is-somma debitament imhallsa lill-konvenuti kienet qed tithallas bhala depositu akkont tal-prezz mifthiehem u mhix bhala "arra poenitentialis" a basi tal-artikolu 1359 tal-Kodici Civili.
b) Pero, a basi tal-iskrittura a fol 28 ibid, gie miftiehem illi f'kaz illi s-socjeta involuta ma kienetx resqet ghall-pubblikazzjoni tal-att finali sat-30 ta'Novembru 2000, kif filfatt jidher li gara, l-istess somma giet mibdula, fin-natura taghha, f'wahda ekwivalenti ghal "arra poenitentialis" fis-sens illi "hija (s-socjeta involuta) ipso jure titlef id-depsotiu ta' Lm5000 …."

c) A basi ta’ din l-iskrittura jidher li l-atturi nomine tilfu kull dritt legali sabiex is-somma in kwistjoni tinghata lura lilhom. Hu minnu li l-atturi nomine enfasizzaw illi din l-iskrittura ghandha tigi konsiderata bhala “nulla” ghal kull effett u fini fil-ligi. Pero din il-Qorti hi tal-opinjoni illi Hi ma tistax tidhol fil-meritu dwar il-validita o meno tal-istess skrittura minhaba li:-

(i) In rigward nullita ta’ kull ftehim Hl tal-fehma li din ma tistax tigi sottomessa permezz ta’ eccezzjoni izda ghandha tigi proposta permezz ta’ azzjoni “ad hoc” jew permezz tal-apposita kontrotalba jekk din tista’ ssir skond il-ligi “in materia”.

(ii) Inoltre, il-ftehim in desamina jinvolvi trasferiment ta’ immobbli billi permezz tieghu gie ukoll estiz konvenju ta’ bejgh/xiri. Dan jfisser illi decisjoni dwar in-nullita o meno tal-istess ftehim ossija skrittura ghandha tinghata mill-Qorti kompetenti skond l-artikolu 47(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi, ghalhekk, din il-Qorti, f’dan l-istadju ghandha taccetta l-esistenza tal-ftehim a fol 28 tal-atti billi l-validita’ o meno tal-istess ftehim hu soggett ghal dak li inghad “supra” fil-paragrafu enumerat (i) u (ii).

Illi konsegwentement ghandha tigi akkolta it-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi, pero’, l-istess Qorti ma tistax ma tikkomentax dwar l-istess skrittura a fol 28 tal-atti. Difatti jidher mill-provi illi hemm kaz “prima facia” illi l-istess ftehim hu annullabbli minhabba li kien gie milhuq meta s-socjeta “Scicinvest Holdings Limited” setghet kienet vicin hafna ghall-istess ta’ bankarotta u, ghalhekk, jista’ jammonta ghal “fraudulent transaction” fil-konfront tal-kredituri taghha skond il-ligi “in materia”. Inoltre hemm dubbju gravi dwar jekk setax jigi ffirmat minn

> “Tony Mamo” kif hemm fuq deskritt, jew kellu jigi ffirmat minn direttur jew diretturi skond il “memorandum and articles” tal-istess socjeta.
>
> Ghal dawn il-motivi u bir-riservi hawn fuq espressi, l-Qorti tichad it-talba attrici, waqt li in rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz kif hawn fuq premess u in via eccezzjonali l-Qorti tordna li dawn jithallsu kollha kemm huma mill-konvenuti. B’riserva “si et quatenus” favur l-atturi nomine dwar il-ftehim a fol 28 tal-atti.**”**

Il-kwestjoni principali devoluta lil din il-Qorti bl-appell interpost mill-atturi *nomine* hi fis-sens ta’ stedina lil din il-Qorti biex tivverifika jekk in-nullita sollecitata minnhom ta’ l-iskrittura tat-30 ta’ Gunju 2000 hijiex flokha u ghandhiex din tkun ittrattata u deciza fl-istess kawza minnhom proposta. Naturalment, huma ma jonqsux milli jippretendu wkoll illi s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti ghandha tkun revokata fuq il-bazi ta’ l-argoment naxxenti mill-interpretazzjoni ta’ l-Artikoli 303 u 137 (4) ta’ l-Att ta’ l-1995 dwar il-Kumpaniji;

Ghall-aggravju dedott il-konvenuti jirreagixxu bi twegiba li tqieghed fuq quddiem nett il-pregudizzjali ta’ l-irritwalita` u nullita` ta’ l-appell ghal motiv li, skond huma, dan hu maghmul jikkonsisti fuq disposizzjonijiet tal-ligi u fatti li ma jirrientrawx fil-qafas tat-talba originali kif, mill-atturi, proposta bl-Avviz. Huma, s’ intendi, b’ din il-pregudizzjali qeghdin jikkontendu illi l-atturi *nomine* ma setghux johorgu mill-argini tat-talba promotrici tar-radd lura tas-somma depozitata fuq il-konvenju tat-30 ta’ Jannar 1998, li kien skada, biex jattakkaw b’ nullita l-iskrittura ta’ ftehim tat-30 ta’ Gunju 2000. Apparti din il-pregudizzjali mqanqla u s-sottomissjonijiet fil-mertu ta’ l-aggravju, il-konvenuti pprevalew ruhhom mill-appell intavolat biex iressqu appell incidentali limitativ dwar il-kundanna taghhom mill-ewwel Qorti tal-kap ta’ l-ispejjez;

Bhala fatti, l-inkartament tal-process jipprovdi dan l-isfond:-

(1) Bi skrittura tat-30 ta’ Jannar, 1998 (kopja a fol. 46) is-socjeta` Scicinvest Holdings Ltd ikkonveniet mal-konvenuti weghda ta’ xiri ta’ stabili f’ tas-Sliema;

(2) B’ azzjoni pprezentata fl-1999 (Citazz. Nru. 1914/99/AJM) l-attwali konvenuti talbu lill-Qorti l-kundanna ta’ l-imsemmija socjeta` biex din tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali. Eventwalment din l-azzjoni giet ceduta, kif jirrizulta mill-kopja tas-sentenza in atti (fol. 18) tad-29 ta’ April, 2002;

(3) Jirrizulta illi fil-mori ta’ dik l-istess kawza l-partijiet ftehmu skond skrittura tat-30 ta’ Gunju, 2000 (ara kopja a fol. 28) li jestendu t-terminu tal-konvenju originali sat-30 ta’ Novembru 2000. Ghan-naha tal-kumpanija l-firmatarju fuq l-iskrittura kien Tony Mamo li, skond ma xehed l-Avukat Dottor Kris Borg (fol. 40 *et sequitur*) kien l-assistent tac-Chairman tal-Grupp tal-kumpaniji;

(4) Il-kuntratt finali baqa’ ma sarx anke ghaliex f’ Novembru 2000 il-kumpanija imsemmija marret fi stralc;

Fermi dawn il-fatti fil-qosor, din il-Qorti tahseb illi, ghall-iskop li tiddisponi mill-pregudizzjali mqanqla mill-konvenuti appellati, tiswa l-espressjoni ta’ fehma kaptata mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kollegjali, Sede Kummercjali, tat-12 ta’ Dicembru 1958 in re: “**Charles Santucci -vs- John Mizzi *nomine***” (**Kollez. Vol. XLII P I p 743**), anke ghaliex il-kwestjoni involuta fiha tixxiebah ghal dak tal-kaz odjern. Fiha, incidentalment ukoll, l-ewwel Qorti dehrilha li fil-kwestjoni tal-validita jew ahjar ezistenza legali tal-ftehim bejn il-partijiet sollevata mill-attur ma setghetx tidhol fiha ghaliex, similment kif issa ritenut mill-appellati fl-appell prezenti, it-talba ta’ l-atturi fic-citazzjoni kienet bazata fuq ir-rizoluzzjoni konvenzjonali ta’ l-ewwel ftehim ta’ bejgh (fil-kaz attwali, ir-radd lura tas-somma depozitata fuq il-konvenju originarju) u mhux fuq l-allegata nullita jew inezistenza ta’ dak il-ftehim l-iehor.

Ma’ dan il-Qorti ta' l-Appell ma qabletx u ghaddiet ghal dawn ir-riflessjonijiet:-

“**Il-kwestjoni giet imqajma mill-attur in ripulsa ta’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut. B’ dik il-kwestjoni l-attur kien qieghed jichad il-fondament ta’ dik l-eccezjoni. In sostanza, l-attur kien qieghed ighid illi l-ftehim allegat fl-eccezzjoni tal-konvenut, anke jekk kien jezisti bhala fatt, ma kienx legalment vinkolanti, u kwindi l-eccezzjoni stess, bazata fuqu, ma kellhiex fondament legali;**

**L-attur b’ dan il-mod, fil-fehma tal-Qorti, ma kienx qieghed ibiddel it-talba tieghu, jew jaghmel talba ohra gdida. Hu kien biss qieghed jiddefendi ruhu kontra l-eccezzjoni proposta mill-konvenut. Dik il-kwestjoni kienet, ghalhekk, purament accessorja u subordinata ghad-domanda kontenuta fic-citazzjoni, jew “incident” fil-kawza - “quod incidit in rem de qua agitur”;**

**Ghalhekk, l-ezami ta’ dik il-kwistjoni ma kienx jimporta spostament tal-kawzali dedotta fic-citazzjoni jew tibdil taghha. Infatti, kieku dak l-ezami kellu jkollu rizultat favorevoli ghall-attur, dan kien appuntu jwettaq dik il-kawzali; ghax, eskluz “ex hypothesi” il-ftehim minhabba l-ineffikacja legali tieghu pretiza mill-attur, ma kienx jibqa’ hlief ir-rizoluzzjoni tal-bejgh purament u sempliciment, li hi precizament il-kawzali dedotta.**”

Kull kumment ulterjuri minn din il-Qorti ghal hsieb hawn fuq profess ma jistax hlief ikun superfluwu u ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex tiskarta l-pregudizzjali;

B’ introduzzjoni ghall-ezami tal-mertu ta’ l-appell u tar-risposta ghalih, tajjeb li wiehed, qabel xejn, jissottolineja illi l-effetti ta’ kull negozju guridiku in generali jistghu jigu nieqsa minhabba karenzi inerenti ghall-fattispeci negojali u mil-ligi prevvisti. Meta dan ikun hekk il-kaz, negozji simili huma inkwadrabbli fil-kategorija ta’ negozji nulli. Tali nullita tista’ tinvesti sew il-kontenut tan-negozju, sew il-partecipazzjoni ta’ xi kontraenti fih. Hekk, ad ezempju,

wiehed jista’ jintravvedi nullita` fil-kaz fejn il-*causa* tal-kuntratt tkun illecita jew kuntrarja ghal ligi jew fil-kaz fejn wahda mill-partijiet fil-kuntratt tkun guridikament inkapaci jew nieqsa minn poter statutorju;

Premess dan, jinsab ritenut illi “l-kelma ‘nullita’ hija wzata fix-xjenza guridika f’ zewg sensi: wiehed f’ sens proprju ta’ ‘inezistenza’ jigifieri l-kuntratt null ma jkunx jezisti u qisu qatt ma sar, u l-iehor ta’ ‘annullabilita’, jigifieri meta kuntratt jew att iehor jista’ jezisti u jibqa’ jsehh sa kemm ma jigix imhassar u mwaqqa ghal xi raguni li ssemmi u trid il-ligi.” Vide “**Elena Agius -vs- Giuseppe Ciancio *nomine***”, Appell Civili, 3 ta’ Frar, 1936. L-istess sentenza ssoktat tghid ukoll illi “bhal ma hemm diverenzja ta’ sostanza bejn l-‘att null’ u l-‘att annullabbli’, ghandu jkun hemm diverenzja wkoll fil-procedura li tirrigwarda l-wiehed u l-iehor”;

A differenza ta’ dak li nsibu b’ mod espress f’ Kodicijiet ta’ pajjizi ohra, in partikolari dawk kontinentali, il-ligi taghna ma tipprovdi mkien ghal din id-differenza. Id-differenza ddahhlet bil-gurisprudenza fejn il-kapostipiti taghha tidher li kienet is-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili, tal-15 ta’ Marzu 1876 in re: “**Carmelo Agius *et* -vs- Dr. Francesco Frendo *nomine et***”, (**Kollez. Vol. VII pagna 549**), u fejn fiha gie ritenut illi “*le nullita`, quando non espressamente comminate dalla legge, si devono dedurre per via d’ azione, non di eccezione.*” Jikkonsegwi, inversament, illi meta l-ligi tiprojbixxi l-istipulazzjoni ta’ negozju u tikkomminah b’ nullita, tali nullita tista’ anke tigi sollevata b’ eccezzjoni. Ghal aktar approfondiment *in extenso* fuq din it-tematika wiehed jista’ jikkonsulta s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, tat-12 ta’ Lulju, 1965 fil-kawza fl-ismijiet “**Joseph Gatt -vs- Joseph Galea**”;

L-ewwel Qorti rrizolviet il-problematika quddiemha billi rriteniet li ma tistax tidhol fil-mertu tal-validita ta’ l-iskrittura ta’ ftehim tat-30 ta’ Gunju 2000 ghar-raguni duplici:-

(i) In rigward nullitajiet ta’ kull ftehim din riedet tigi proposta b’ azzjoni *ad hoc* jew kontro-talba, u mhux permezz ta’ eccezzjoni;

(ii) F’ kull kaz, l-investigazzjoni ta’ din il-materja kienet tesorbita mill-kompetenza taghha in termini ta’ l-Artikolu 47 (3) tal-Kapitolu 12;

Hu bil-bosta evidenti illi jekk wiehed jaccetta d-divergenza li taghmel il-gurisprudenza taghna f’ materja ta’ nullitajiet, il-generalizzazzjoni adottata mill-ewwel Qorti taht punt (i) mhix preciza. Jekk xejn, dik il-Qorti kien messha ezaminat l-artikoli tal-ligi invokati mill-atturi *nomine* u tghaddi biex tiddetermina jekk dawn kienux jikkontemplaw nullita radikali u assoluta tal-kuntratt jew, invece, nullita relattiva fejn kuntratt jibqa’ jirravvivi sakemm, u ad inizzjattiva ta’ xi hadd mill-partijiet interessati, ma jigix b’ gudikat, annullat. Dan in sintonija mal-kazistika prevalenti. Dejjem fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, il-Qorti ta’ l-ewwel grad ma kellhiex tikkuntenta billi tesprimi ruhha b’ kumment fugaci illi l-provi kienu jiddemostraw *prima facie* illi l-ftehim attakkat mill-atturi *nomine* kien annullabbli imma kellha, invece, tikkontrolla n-natura tad-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-ligi, li, skond l-istess atturi, kienu allegatament vjolati, biex minn tali kontroll jigi ndagat l-iskop li ghalihom il-legislatur iddetta l-ligi. Fundamentalment, jekk l-istess kienux jikkontjenu, precett imperattiv ta’ nullita, jew le, u, allura, jekk in-negozju stipulat bl-iskrittura kienx wiehed dirett ghar-realizzar ta’ fini, mill-ligi vjetat;

Forsi, ukoll, kien aktar rilevanti ghal finijiet ta’ dik il-kawza, attizi ir-riflessjonijiet maghmula mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni a **Vol. XLII P I p 743** (ara s-silta riportata *supra*), illi jigi stabbilit jekk l-atturi *nomine* setghux iqajmu il-kwestjoni tan-nullita ta’ l-iskrittura (30 ta’ Gunju 2000) meta ghal kull fini u effetti din kienet mera “incident” fil-kawza u mhux “vera eccezzjoni”. Dejjem fuq l-istregwa ta’ dawk l-istess riflessjonijiet ir-risposta ma tistax tkun hlief wahda fil-posittiv. Wara kollox, kif ukoll ritenut f’ bosta decizjonijiet, “hija regola generali illi meta dan jista’ jsir

kompatibilment mar-regoli procedurali u d-disposizzjonijiet tal-ligi, l-incidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f' kawza jigu diskussi u decizi fl-istess gudizzju, ghall-ekonomija ta' zmien u spejjez, u a skans ta' possibbli konflitt ta' gudikati." Ara f' dan is-sens "**Michele Mifsud -vs- Giorgia Mifsud *et***", Appell Civili, 15 ta' Mejju 1959;

Ma jidherx lanqas li ezercizzju bhal dan ma setax isir minn Qorti ta' kompetenza inferjuri. Huwa veru li jezisti l-Artikolu 47 (3) tal-Kapitolu 12 izda, bir-rispett dovut, il-kwestjoni in diskussjoni ma ticcentra bl-ebda mod ma' wahda koncernanti l-proprjeta` ta' beni immobbli jew ma' servitujiet, pizijiet jew drittijiet ohra mghaqqdin ma' beni immobbli. Fil-hsieb tal-Qorti anke fil-limiti tal-gurisdizzjoni taghhom, qrati ta' kompetenza inferjuri huma hielsa li jissindikaw il-validita ta' skritturi. Ara linejarment ma' dan il-hsieb u ghal certu vers is-sentenza fl-ismijiet "**Carmel Axiaq -vs- Luigi Cassar *nomine***", Appell, 28 ta' Frar, 1997;

Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha flimkien ghandhom ghall-iskop ta' l-appell prezenti, jibbastaw, fil-hsieb tal-Qorti, biex juru li dik il-kwestjoni kellha u ghandha tigi ezaminata u deciza fl-istess gudizzju u mhux rimessa ghal gudizzju iehor. Mhux il-mument li l-Qorti tidhol ulterjorment biex tinvestiga l-appell incidentali jew jekk l-asserzjoni ta' l-atturi *nomine* tan-nullita ta' l-iskrittura hijiex fondata fil-meritu jew sostenibbli skond id-disposizzjonijiet invokati tal-ligi billi indagini bhal din tispetta lill-ewwel Qorti u, inoltre, il-kontendenti ghandhom, se mai, jkollhom il-beneficcju tad-*doppio esame*.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka d-decizjoni appellata u tiddikjara li n-nullita proposta mill-atturi *nomine* ta' l-iskrittura tat-30 ta' Gunju 2000 setghet u messha tigi kkunsidrata u deciza f' din il-kawza. Konsegwentement qed tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni u decizjoni minnha ta' l-

istess kwestjoni.  Fic-cirkostanzi, l-ispejjez s’ issa inkorsi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------